Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 443/2017**

Il-Pulizija

vs

**Ritchel Musa Lotino Borg**

Illum, 16 ta' Lulju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Ritchel Musa Lotino Borg imwielda fit-22 ta' Mejju, 1981, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 46752 (A), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-24 ta' Lulju tas-sena 2017 ghall-habta tal-11.05am gewwa l-ghassa tal-Mosta bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Edward Borg wegghatu bi kliem, gesti, b'kitba jew disinji u/jew b'xi mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba, li jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Edward Borg jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien ma' piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti tenut kont tal-mankanza assoluta ta' provi sabiex jigi sostanzjat ir-reat addebitat lill-imputata, l-Qorti illiberat lill-istess imputata minn kwalunkwe htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellanti parte civile Edward Borg minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **tħassar** s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal- 25 ta' Ottubru, 2017 u konsegwentament ssib htija fuq l-imputata ghar-ragunijiet fuq esposti.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-esponenti qed iħossu aggravat b'din is-sentenza u qed jinterponi dan l-appell.

2. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-appellanti jissottometti li s-sentenza moghtija hija nieqsa mill-motivazzjoni u ragunijiet li fuqhom giet illiberata l-imputata.

3. Fid-*decide* taghha fis-sentenza appellata, l-Qorti meta giet biex tillibera lill-imputata naqset milli tinkludi dak rikjest mill-ligi tant li kull ma gie imnizzel huwa 'liberta' (Dok EB1). Dan in-nuqqas imur kontra d-dritt tal-parte civile ghas-smiegh xieraq u

4. Illi dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

5. Illi in oltre kif jirrizulta mill-komparixxi, li qeghda tigi annessa, s-sentenza tghid biss is-segwenti "*liberata*" minghajr l-ebda dikjarazzjoni ohra u lanqas ma huma ndikati l-artikoli tal-ligi.

6. Illi in oltre, is-sentenza fl-ismijiet <u>Il-**Pulizija vs Emanuel Azzoparti et**</u>**,** l-Qorti kkonkludiet illi:

*'Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'.'*

7. Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament hazin tal-fatti kif ukoll tal-liġi għas-segwenti ragunijiet:

8. Illi l-aggravju principali tal-appellant parte civile huwa li kien hemm mill-imputata dak li jissejjah '*l'animus iniuriandi*' u cioe il-hsieb tal-ingurja.

9. Illi skond l-affidavits sureferiti dak li inghad u gie allegat mill-imputata Ritchel gie kkonfermat minn WPC 386 u gie ammess minnha stess mill-istess WPC 386 u WPS 148.

10. Illi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija v. Joseph Gauci**</u> deciza fit-3 ta' Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (3/09/2001) il-Qorti qalet:

*". . . ma hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, ecc) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-animus iniuriandi. "*

11. Similment:
*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz).'*[1]

12. Issa il-fatti kollha bla dubbju jinkwadraw ruhhom taht l-artikolu 252 u dan stante li hemm l-element ta' tixrid, tal-pubblicita ta' dawk il-kliem u dan bl-intenzjoni tal-awtur tar-reat illi taghmel hsara lir-reputazzjoni tal-vittma. L-incident gara gewwa l-ghassa fir-*reception area*, fil-prezenza ta' numru ta' ufficcjali tal-pulizija u nies ohra li insertaw kienu hemmhekk f'dak il-hin.

13. Illi ghalhekk jidher car illi l-intenzjoni vera u proprejta tal-imputata meta qalet dawk il-kliem kien biex tingurja lill-istess parte civile kif effettivament kif sar qabel tant li kif il-parte civile spjega lil pulizija u kif gie rraportat fl-affidavit ta' WPS 148 kien hemm zewg kawzi quddiem l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fejn fl-ewwel kaz l-parte civile gie imgieghel jahfer lill-imputata filwaqt li it-tieni darba hija giet kkundannata thallas is-somma ta' Eur 250.

---

[1] Il-Pulizija vs Joseph Vella App.Inf 30/04/2001

14. Illi fl-ebda mument l-imputata ma ppruvat ghal anqas fuq probabbilita' in-nuqqas ta' animus iniuriandil rikjest mill-ligi sabiex l-imputata tigi lliberata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-Avukat Generali jiddikjara fis-seduta tat-23 ta Mejju 2019 li ha konjizzjoi tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijeit **il Pulizija vs Martin Vella**[2] fejn din il-Qorti kif preseduta dahlet *in funditus* dwar il-kwistjoni jekk parte civile jistax jinterponi umli appell quddiem din il-Qorti u irrimetta ruhu ghal gudizzju tal-Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza jidher li l-parte civile kellu numru ta' aggravji pero' qabel ma din il-Qorti tista tiehu konjizzjoni taghhom trid tara jekk l-parte civile kellux il-fakolta li jinterponi appell mill-proceduri li instemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Fil-waqt li l-avukat difensur tal-appellant stqarr li l-parte civile ma kellux dritt ta' appell u dan ghaliex il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tmexxew mill-prosekuzzjoni u ghalhekk huwa palezi illi dan l-appell ma kienx interpost mill-Avukat Generali. Jikkorri ghalhekk ezami tal-artikolu tal-Kodici Kriminali applikabbli ghad-dritt tal-appell minn sentenzi tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

---

[2] Appell Nru: 290/2018 deciz 29 ta Marzu 2019

Din il-Qorti ejra tagheml ampja referenza ghas-sentenza moghtija minnha citata supra mill-istess Avukat Generali peress li gja tratttat din il-kwistjoni f'dik is-sentenza.

Fil-kawza **Il-Pulizija [Spettur Edmond Cuschieri] Vs Jimmy Bonnici Giuseppe Bonnici**[3] jinghad is-segwent:-

*"Il-Kodici Kriminali jitkellem car dwar min jista' jappella minn Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Vella** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 2000 fejn fost affarijiet ohra qalet "jistghu jappellaw il-persuna misjuba hatja f'kull kaz (Artiklu 413 (1) (a)) u fil-kazijiet espressament imsemmija fl-Artiklu 413 (1)(b) l-Avukat Generali u **fil-kazijiet imsemmi fl-Artiklu 373 il-kwerelant**[4], jigifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta:*[1]

A. *Ir-reat ikun ta' kompitenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun jinkwadra taht dak li hu provdut fl-Artiklu 370 (1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien ma l-Artiklu 371;*

B. *L-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela ta' l-offiz;*

C. *Il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provdut fl-Artiklu 374 tal-Kodici Kriminali b'mod li s-Sentenza tinghata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiz), u l-kwerelat (l-appellanti) u ghalhekk mill-okkju tas-Sentenza jkun jidher illi l-partijiet fil-kawza huma il-kwerelant u l-appellant u mhux il-Pulizija u l-appellat."*

---

[3] Appell Kriminali Numru. 187/2013 Deciz fis-17 ta' Ottubru 2013

[4] Enfasi tal-Qorti

Dan ifisser li l-**artikolu 413 tal-Kapitolu 9** tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar minn jista' jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Is-sub artikolu (1) ta' dan l-artikolu jaghti d-dritt ta' appell f'kull kaz illi persuna misjuba hatja lill-Avukat Generali f'kawza ta' kompetenza originali tal-Magistrati skond l-artikolu 370(1); lill-kwerelant fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 373
u dawn it-tnejn fil-kazijiet esepresament imsemmija fl-artikolu 413(1)(b) u lill-Avukat Generali fil-kazijiet l-ohra kollha (artikolu 413 (1) (c)).

Kif deciz ripetutament minn din il-Qorti anke diversament preseduta, jipprexindi minn dan id-dritt t'appell tal-kwerelant huwa konfinat biss ghal dawk ir-reati:-

a) Li kunu ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ravvisat fl-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali flimkien ma l-artikolu 371;
b) prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti ofiza u
c) li l-proskeuzzjoni titmexxa mill-offiz skond kif provdut fl-artikolu 374.

Ghal dan il-ghan din il-Qorti taghmel refernza ghas-segwenti sentenzi:
i. **Il-Pulizija vs Alfred Vella**.[5]
ii. **Il-Pulizija vs Joseph Bugeja**[6]
iii. **Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard**[7]
iv**. Il-Pulizija vs Darren Grima**[8]

F'dan il-kaz Lottino Borg Ritchel Musa kien gie akkuzat tallli:

---

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali fl-24 ta' Frar 2000 Appel Numru 157/1999

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali fl-25 ta' Jannar 2008 Appel Numru 439/2007

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali fl-21 ta' Jannar 2011 Appel Numru 536/2009

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali fl-28 ta' Frar 2018 Appel Numru 495/2015

"Talli fl-24 ta' Lulju tas-sena 2017 ghall-habta tal-11.05am gewwa l-ghassa tal-Mosta bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Edward Borg wegghatu bi kliem, gesti, b'kitba jew disinji u/jew b'xi mod iehor".

Li kien reat ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u jirrizulta mill-affidavit ta' WPS 148 D Camilleri u l-okkorenza esebita mehuda minn WPC 386 Mikela Angela Azzopardi li dan il-kaz tmexxa wara rapport illi ghamel il-parti leza r-rikorenti odjern, pero' l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija peress illi l-ilment tal-parti leza jilleda d-drittijiet ta' ordni pubbliku u l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija ezekuttiva u mhux mill-parti leza, tant li s-sentenza nghatat fil-konfront tal-pulizija u ta' l-appellant Lottino Borg Ritchel Musa. Il-parti leza r-rikorrenti odjern kien sempliciment xhud f'dawn il-proceduri.

Illi l-Avukat Generali sostna ghal darb ohra li l-parte civile ghandu jkollha locus standi f'dawn il-proceduri u peress illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tkun gja rrikonoxxiet li l–parte civile fejn sahansitra jidher fil-procediment li jkun qed jinstema quddiemha li l-parte civile kien assistit kif jidher mill-verbal tal-Qorti tal-25 ta' Otubru 2018 minn Dr Larry Formosa u ghalhekk fil-fehma tieghu ikonsegwi li kellu dritt li jinterponi appell.

Hawnhekk din il_Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi citata supra fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Alfred Vella</u>** ***u*** **<u>Pulizija vs Jospeh Attard</u>** u tghid li minkejja l-fatt li l-parti leza tkun kkostitwiet ruha bhala parti civili fit-termini tal-artikolu 410 tal-kodici Kriminali ma jfissirx li ghandha dritt ta' appell fi proceduri kriminali.

Jinsenjaw ulterjoment dawn is-sentenzi li l-fatt li l-parti leza tkun ikkostitwiet ruhha parte civile fil-proceduri kontra l-imputat ma jfissirx li ghandha dritt ta' appell. F'danil-kaz jigi imfakkar li l-proceduri tmexxew mill-pulizija esekuttiva tant hu hekk li anke is-sentenza harget f'isem **<u>il-Pulizija vs Lottino Borg Ritchel Musa</u>** illi ghalhekk l-unici persuni li setghu jappellaw mis-sentenza kontra Lottino Borg Ritchel Musa kienu dan

ta' l-ahhar u l-Avukat Generali u ghalhekk ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddikjara in-nullita tar-rikors ta' l-appell, tiddikjara l-istess rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Franklin Calleja
Deputat Registratur